# IL-KNISJA LI BENA ĠESÙ

"Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; u dan hu Ġesù Kristu" (1 Korintin 3:11).

Il-knisja li tagħha Ġesù hu l-Fundatur u li Hu bena fl-Ewwel Seklu kienet imfassla biex tilqa' l-bżonnijiet ta' kulħadd, f'kull post fid-dinja, f'kull żmien. Il-knisja kienet mibnija fuq il-pedament sod tad-Divinità ta' Kristu (Mattew 16:18). Hekk il-knisja teżisti llum u qiegħda twettaq l-iskop intenzjonat tagħha.

Il-knisja fit-Testment il-Ġdid kienet imwaqqfa skond il-pjan ta' Alla qabel ma dehret xi denominazzjoni magħmula mill-bniedem. Hija x-xewqa ta' Ġesù li dawk kollha li jemmnu Fih ikunu magħqudin fil-knisja li tagħha Hu l-Fundatur (Ġwanni 17:20; Efesin 4:4). Dawk li jridu jogħġbu lil Ġesù fuq kull ħaġa oħra jew fuq kull bniedem ieħor għandhom ikunu kuntenti bil-knisja sewwasew kif Ġesù ippjana li din tkun.

**Il-Knisja li Bena Ġesù Hija**
**Identifikata Permezz…**

## TA' ISIMHA

**Knisja** tfisser "għaqda imsejħa barra minn." Il-kelma tirriferi għal dawk li Ġesù "sejħilhom barra" mid-dinja biex jimxu warajh f'ħajja ġusta (1 Pietru 2:9). (Imkien fit-Testment il-Ġdid ma l-kelma "knisja" tirriferi għall-bini).

Ebda nom proprju ma huwa mogħti bħala isem għall-knisja fit-Testment il-Ġdid. Diversi termini huma wżati minflok biex jesprimu r-relazzjoni li l-knisja għandha ma' Alla u ma' Kristu: ġisem ta' Kristu (1 Korintin 12:27); knisja ta' Alla (Atti 20:28); knejjes ta' Kristu (Rumani 16:16); dar ta' Alla (Efesin 2:19; tempju ta' Alla (1 Korintin 3:16-17); eċċ. Dawn it-termini kollha jonoraw lil Alla u huma nomini adattati tal-knisja ta' Kristu llum.

## POST TA' L-ORIĠINI

Ġerusalem. Wara l-priedka ta' l-appostlu Pietru f'Pentekoste, 3000 ruħ wieġbu għall-messaġġ ta' l-Evanġelju billi kienu mgħammdin (Atti 2:38, 41). Huma kienu miżjuda mill-Mulej fil-knisja tiegħu f'dak il-jum (Atti 2:47). Dan immarka l-bidu tal-knisja f'Ġerusalem, sewwasew kif kienu bassru l-profeti tat-Testment il-Qadim sekli qabel (Isaija 2:3; Ġoel 2:32). Kull grupp reliġjuż li oriġina xi mkien ieħor ma jistax ikun il-knisja li bena Ġesù.

## ŻMIEN TA' L-ORIĠINI

Il-missjoni tal-knisja hija biex tevanġelizza d-dinja kollha. L-aħħar kliem ta' Ġesù qabel ma tela' s-sema kien: "Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien" (Mattew 28:18-20). Impliċitament, Ġesù jikkmanda lil kull Kristjan biex ikun involut f'li

jgħallem l-Evanġelju lill-mitlufa fid-dinja. Billi l-Kristjani jagħmlu l-knisja, din hija l-missjoni tal-knisja.

## ORGANIZZAZZJONI

Ġesù organizza l-knisja għal effett massimu biex twettaq il-missjoni tagħha.

Ġesù Hu r-Ras tagħha (Kolossin 1:18). Hu jaħkem fuq il-knisja tiegħu mis-Smewwiet (Efesin 1:22-23). (Ma hemm ebda kwartieri ġenerali tad-dinja lanqas xi ras jew kap tad-dinja tal-knisja ta' Kristu). Ġesù jidderieġi l-ħwejjeġ tal-knisja Tiegħu permezz tal-Kelma ħajja Tiegħu, l-Iskrittura Mqaddsa (2 Timotju 3:16-17; Lhud 4:12).

Kull kongregazzjoni hija mmexxija indipendentament hekk kif il-Kristjani jissottomettu lilhom infushom għar-rieda irrivelata ta' Kristu bl-imħabba kollha (Ġwanni 14:15). Dan l-arranġament ipoġġi r-responsabbiltà kollha fuq kull kongregazzjoni biex twettaq il-kummissjoni ta' Kristu. Kif il-ġisem fiżiku jsegwi d-direzzjoni tar-ras tiegħu, hekk ukoll il-ġisem ta' Kristu, il-knisja, twettaq ir-rieda Tiegħu. Il-knisja qatt ma għandha d-dritt li tagħmel liġijiet fejn Kristu m'għamilx (2 Ġwanni 9). Kongregazzjonijiet tan-nies ta' Kristu matul id-dinja kollha huma marbutin flimkien b'rabtiet ta' sħubija (Rumani 16:16).

Kristu ordna li rġiel spiritwalment ikkwalifikati ħalli jservu funzjonijiet speċifiċi fil-knisja. **Anzjani, isqfijiet**, jew **ragħajja** għandhom iħarsu jew jirgħu il-merħla (1 Timotju 3:1-7; Titu 1:5-9; Atti 20:28; 1 Pietru 5:1-3). Ir-responsabbiltà ta' **isqof** ma tmurx aktar mill-kongregazzjoni lokali li fiha huma jservu (Filippin 1:1). **Djakni** għandhom iservu għall-bżonnijiet materjali ta' oħrajn (1 Timotju 3:8-13; Atti 6:1-6). **Evanġelisti** jħabbru pubblikament u jgħallmu l-Evanġelju ta' Kristu. Huma jservu f'kongregazzjoni lokali jew imorru minn post għall-post jippriedkaw il-Kelma (Atti 19:10; 13:2-28; 2 Timotju 4:1-5).

Fil-knisja tat-Testment il-Ġdid, ma hemm ebda struttura organizzattiva 'l fuq mill-kongregazzjoni lokali. Dan il-pjan huwa prattiku u effettiv biex tibni lilha nfisha fl-imħabba u tħabbar l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù lid-dinja (Efesin 4:11-16).

## REGOLA TA' FIDI

L-unika regola ta' fidi li Kristu ta lill-knisja Tiegħu hija l-Kelma ta' Alla miktuba li "Tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba" (2 Timotju 3:16-17). Dawk li jħobbu lil Ġesù bil-qalb jimxu mat-tagħlim Tiegħu u jħarsuh (Ġwanni 14:15; 15:5-17). Li wieħed jimxi fuq manwali u tagħlim ieħor miktubin minn nies mhux ispirati jindika nuqqas ta' fiduċja f'Ġesù u jagħmel il-qima tiegħu fiergħa (Mattew 15:9). Rispett kbir għall-Kelma ispirata ta' Alla jikkaratterizza lil dawk li jridu jogħġbu lil Alla (Atti 4:19; 5:29; 20:32; 1 Pietru 1:22-2:3; 4:11).

## QIMA

Ġesù jgħallem li qima aċċettabbli għandha tkun sinċiera u taqbel mal-qies irrivelat tal-verità (Ġwanni 4:24; 17:7; 8:31-32). Il-knisja tat-Testment il-Ġdid tiltaqa' flimkien biex:

**Taqsam il-ħobż** (Atti 20:7). L-Ikla tal-Mulej hija osservata kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd. Din hija tifkira tas-sagrifiċċju ta' Ġesù għad-dnubiet tal-Kristjani.

Il-ħobż u l-frott tad-dielja jfakkru l-ġisem u d-demm ta' Ġesù. Waqt li jipparteċipa f'dawn l-emblemi, il-Kristjan iħabbar il-benefiċċji tal-mewt ta' Kristu sa ma jerġa' jiġi (1 Korintin 11:26-32).

**Titlob.** Dan kien parti mill-qima fil-knisja tal-bidu (Atti 2:42). Permezz tat-talb wieħed jista' jesprimi l-gratitudni tiegħu lejn Alla għall-barkiet li huwa jkun irċieva u jitlob lil Alla għall-bżonnijiet ta' oħrajn kif ukoll tiegħu nnifsu (Filippin 4:6-7; 1 Timotju 2:1-3). It-talba tal-fidi dejjem hija mwieġba skond l-aħjar ta' dak li jkun (Mattew 7:7-11; Ġwanni 15:7).

**Tkanta.** Il-Kristjani huma ordnati biex "ikantaw u jgħannu f'qalbhom lill-Mulej" Efesin 5:19). Li nkantaw tifħir lil Alla mill-qalb hija waħda mill-aktar esperjenzi li jedifikaw fil-ħajja tal-Kristjan!

**Tagħti.** Il-knisja hija mogħtija struzzjoni b'eżempju biex tagħti skond ma wieħed jista' f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd (1 Korintin 16:1-2). L-għotja tgħin ix-xogħol ta' Kristu biex jitkompla. Li wieħed jagħti minn dak li l-Mulej ipprovda għandu jkun bil-qalb u bil-ferħ, b'mod ġeneruż u skond ir-rieda ħielsa tiegħu (2 Korintin 8:1-13; 9:6-14). Il-knisja għandha tieħu ħsieb tax-xogħol tagħha stess; hija qatt ma għandha tiddependi fuq dawk barra mill-knisja biex jiffinanzjaw ix-xogħol tagħha.

**Ixxandar il-Kelma.** Il-proklamazzjoni pubblika tal-messaġġ ta' Kristu u l-eżortazzjoni għad-dmir huma parti mill-qima Kristjana (Atti 20:7; Lhud 10:25). L-evanġelist huwa mogħti din l-ordni: "xandar il-kelma, sus wara l-fidili f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim" (2 Timotju 4:2).

## TERMINI GĦAD-DĦUL

Biex isir membru tal-knisja li bena Ġesù Kristu wieħed għandu jemmen li Ġesù Hu l-Iben ta' Alla (Ġwanni 8:24); jindem minn dnubietu (Luqa 3:13); pubblikament jistqarr lil Ġesù bħala Mulej (Rumani 10:9-10); u jkun mgħaddas fl-ilma jew mgħammed għall-maħfra tad-dnubiet (Ġwanni 3:5; Atti 2:38). Meta l-fidi ta' persuna twassalha biex tkun mgħammda fi Kristu, hija tkun miżjuda minn Kristu fil-ġisem Tiegħu, il-knisja (Atti 2:47; 1 Korintin 12:13).

Permezz ta' ubbidjenza lejn Ġesù, wieħed isir Kristjan, membru tal-knisja li waqqaf Ġesù fl-Ewwel Seklu, b'kull barka spiritwali li tinsab fi sħubija ma' Kristu (Efesin 1:3).

## SKOP ETERN

Il-knisja li bena Ġesù hija t-twettiq ta' l-iskop etern ta' Alla biex isalva lill-bniedem minn dnubietu (Efesin 3:10-12). Dan il-pjan kien maħsub minn Alla qabel mad-dinja kienet maħluqa (Efesin 1:4). Il-perjodu tat-Testment il-Qadim kien żmien ta' preparazzjoni għall-knisja (Danjel 2:44); Galatin 3:23-29; 1 Pietru 1:10-12). Fiż-żmien adattat, Ġesù bena l-knisja tiegħu fuq il-pedament tad-Divinità Tiegħu stess (Mattew 16:16-18). Hu xtara l-knisja b'demmu stess (Atti 20:28). Ġesù Hu s-

Salvatur tagħha (Efesin 5:23). Il-knisja ta' Kristu mhijiex xi "extra mhux obligatorja;" hija magħmula minn dawk kollha li huma salvi bid-demm ta' Ġesù (Efesin 1:7; Rumani 6:3-5; Atti 2:38; 1 Korintin 12:13).

## DESTIN

Kristu jagħti s-saltna (il-knisja) lil Alla fit-tmiem taż-żmien (1 Korintin 15:24). Membri fidili tal-ġisem ta' Kristu jgħixu "f'dar ta' dejjem fis-smewwiet" (2 Korintin 5:1).

## TALBA GĦALL-GĦAQDA

Il-knisja li bena Ġesù tfittex biex tonora lil Mulej tagħha Ġesù Kristu billi taħdem għall-għaqda li Ġesù talab għaliha tant bil-ħerqa u li miet biex jassiguraha (Ġwanni 17:20-21; Efesin 2:13-22).

Billi twarrab kull preċett tal-bnedmin u tobdi l-Evanġelju safi ta' Kristu, inti tista' tingħaqad ma' oħrajn fil-ġisem wieħed, oriġinali, u universali ta' Kristu, mingħajr ma tkun parti ta' xi denominazzjoni umana.

> "Hemm ġisem wieħed u Spirtu wieħed…tama waħda…Mulej wieħed,
> fidi waħda, magħmudija waħda, Alla wieħed" (Efesin 4:4-6).

**Fil-knisja ta' Kristu ma hemm**:

Ebda Missier (Holy Father) ħlief Alla (Mattew 23:9; Ġwanni 17:11).
Ebda Ras ħlief il-Mulej Ġesù Kristu (Efesin 1:10, 22-23; Kolossin 1:18).
Ebda Medjatur ħlief il-Mulej Ġesù Kristu (1 Timotju 2:5).
Ebda Isem ħlief dak tal-Mulej Ġesù Kristu (Atti 4:12; Kolossin 3:17; Ġwanni 14:13; Mattew 18:20; Filippin 2:9).
Ebda Knisja ħlief dik ta' Kristu (Mattew 16:18; Rumani 16:16).
Ebda Salvazzjoni ħlief fi Kristu (Atti 4:12).
Ebda Pedament ħlief il-Mulej Ġesù Kristu (1 Korintin 3:11).
Ebda Saċerdozju ħlief dak tal-Kristjani kollha (1 Pietru 2:5-10).
Ebda Qassis il-Kbir ħlief il-Mulej Ġesù Kristu (Lhud 4:14-16; 8:1-1).
Ebda Kredu jew Tagħlim ħlief il-Bibbja Mqaddsa (Ġwanni 17:17; 8:31-32; 1 Korintin 4:6; 2 Timotju 3:16-17; Galatin 1:6-12; 2 Ġwanni 8-9; Apokalissi 22:18-19).
Ebda Interpretu ħlief l-Ispirtu s-Santu Nnifsu (2 Pietru 1:20-21).
Ebda Kwartieri Ġenerali ħlief is-Smewwiet (Mark 16:19; Luqa 22:69; Atti 2:32-35; 1 Korintin 15:25; Efesin 1:20; 1 Timotju 6:15; Apokalissi 19:16)
Ebda Tama oħra ħlief dik tas-Smewwiet (Efesin 4:4; Kolossin 1:5; Filippin 3:20; Mattew 5:12).
Ebda Magħmudija oħra ħlief dik ta' immersjoni fl-ilma (Efesin 4:5; Atti 8:36-39; Rumani 6:2-5; Kolossin 2:12).

**Bl-akbar rispett** lejn dawk kollha li jemmnu li kull denominazzjoni tagħmel parti mill-ġisem ta' Kristu, u għaliex aħna, bħala l-knisja ta' Kristu, irridu li titwettaq *l-*

*għaqda li għaliha talab il-Mulej tagħna Ġesù Kristu fi Ġwanni 17:21-23*, ara jekk inti li qiegħed taqra dan, tistax timmaġina dan li ġej u wara iddeċiedi liema triq għandek tieħu:

| | |
|---|---|
| Pawlu | Kattoliku Ruman |
| Ġwanni | Kattoliku Ortodoss Grieg |
| Pietru | Presbiterjan |
| Ġakbu | Luteran |
| Indri | Avventist tas-Seba' Jum |
| Filippu | Xhieda ta' Jehovah |
| Tumas | Pentekostali |
| Bartilmew | Born Again |
| Mattew | Evanġeliku |
| Xmun | Nazarenu |
| Mattia | Christiadelphian |
| Mark | Mormon |
| Luqa | Mawmettan |
| Ġuda | Moonie |
| Sila | Battista |
| Barnaba | Buddist |
| Mattija | Episkopali |
| Prokoru | Mennonit |
| Nikanor | Knisja Lhudija |
| Timon | Kariżmatiku |
| Parmena | Katakumenali |
| Nikola | Neo-Katakumenali |
| Ġużeppi | Leġjun ta' Marija |
| Marija | Morovjana |
| Febi | Spiritwalista |
| Priska | Presbiterjana Riformata |
| Androniku | Knisja Spiritwali Progressiva |
| Urbanu | Knisja Kongregazzjonali |
| Rufu | Knisja ta' Alla Pentekostali |
| Persi | Aħwa Soċjali |
| Olimpja | Salvation Army |
| Erma | Assembly of God |
| Asinkretu | Knisja Presbiterjana Ortodossa |
| Ġulja | Knisja Anglikana |
| Felgon | Knisja Schwenkfelder |
| Nerija | Fokolari |
| Patroba | Islamika |
| Trifena | Knisja ta' l-Ingilterra |
| Trofosa | Knisja Kristjana Episkopali |
| Filologu | Knisja Sijonista |

U ħafna u ħafna oħrajn bħal dawn!

Issa aqra 1 Korintin 1:10; 3:1-4; Ġwanni 17:21-23. Nerġa' ngħid, **bl-akbar rispett** lejn id-denominazzjonijiet kollha msemmija fuq, u l-oħrajn kollha bħalhom, jaqbel

dan mat-talba tal-Mulej? Jekk inti membru f'xi waħda minn dawn, aħsibha sewwa u ddeċiedi issa ħalli ssir membru fil-knisja ta' Kristu li dwarha taqra fit-Testment il-Ġdid tiegħek.

Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, dejjem lesti li ngħinuk bl-aħjar mod li nistgħu sabiex "*tagħraf il-verità li tista' teħilsek*" (Ġwanni 8:31-32).

Għal aktar informazzjoni jew għall-kors tal-Bibbja bil-korrispondenza bla ħlas ikteb lill:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytehcnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta

Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd – 10.30 a.m.
www.churchofchrist.com